MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 37/2005/1

**Mazen Dadouch**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza "kostituzzjonali" u

“konvenzjonali” taghha, fl-10 ta’ Ottubru 2006. Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna ser tigi riprodotta kwazi fl-intier taghha s-sentenza appellata, peress li minnha johorgu l-fatti allegati u l-vjolazzjonijiet li minnhom illamenta r-rikorrent (illum appellant) Mazen Dadouch, ir-risposta tal-intimat (illum appellat) Direttur tar-Registru Pubbliku, il-fatti li rrizultaw lill-ewwel Qorti kif ukoll ir-ragunijiet ghala dik il-Qorti rrespingiet it-talbiet tar-rikorrent (wara li wkoll irrespingiet l-eccezzjoni tal-intimat li kien hemm rimedji ordinarji xierqa disponibbli u li per konsegwenza l-ewwel Qorti kellha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha konformement mal-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319). Jinghad “kwazi fl-intier taghha” ghax hemm xi partijiet mis-sentenza li huma ripetittivi u ghalhekk ta’ ebda ghajnuna ghall-finijiet tal-intendiment ta’ x’gara u x’ma garax quddiem l-ewwel Qorti.

**2.** Is-sentenza appellata tghid hekk:

“Rat ir-rikors ta’ Mazen Dadouch ghal rimedju kostituzzjonali datat 20 ta’ Gunju 2005 a fol. 1 tal-process u pprezentat quddiem l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

‘Illi hu cittadin Malti u ghandu l-passaport bin-numru 679372 u l-karta ta’ l-identita` 108993 (M), liema ittra M tindika li hu cittadin Malti f’kull pajjiz fejn hi rikonoxxuta l-karta ta’ l-identita` Maltija, (forsi b’eccezzjoni f’Malta kif jinghad aktar ‘l isfel.)

‘Illi huwa zzewweg lil Nataliya Smolyakova Alexandrovna, skond certifikat fil-pussess tieghu.

‘Meta gie biex jirregistra z-zwieg tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku nfurmah li hu seta’ jirregistra z-zwieg jekk igib ittra minn Kastilja li hu cittadin Malti. Huwa kien mar imma f’Kastilja sab li jaghtuhielu kif u meta jridu, u mhux necessarjament fi zmien ragjonevoli.

‘Illi l-esponenti gab dawn il-fatti quddiem il-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Attijiet Notarili li b’digriet tal-31 ta' Mejju

2005, issollecitat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li jirregistra z-zwieg hekk kif ikun hemm il-prezentata tal-passaport u d-dokumenti imsemmija fl-istess digriet.

‘Illi l-esponenti ghamel dak li ntqal fid-digriet tal-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Attijiet Notarili. Minkejja li ha l-passaport mieghu, xorta qalulu li ried karta minn Kastilja. Biex il-fatti jkunu stabbiliti, l-Avukat sottoskritt mar ghal darb’ohra ma’ l-esponenti fl-ufficcju tar-Registratur taz-Zwigijiet, u staqsa jekk Passport Malti hux rikonoxxut jew le f’dak id-dipartiment, u t-twegiba kienet li l-*policy* tehtieg li jkun hemm ittra minn Kastilja dwar ic-cittadinanza, liema ittra tista’ tohrog, ma tohrogx, jew hierga hierga u ma tohrog qatt, ghaliex ma hemm l-ebda ligi li tirregola t-termini taghha.

‘Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku f’din il-kwistjoni qed konsistentement jikser id-doveri tieghu mposti b’ligi, u cioe` li hu ma jistax jirrifjuta (jew jivvinta ostaklu flok palesament jirrifjuta) li jirregistra zwieg li jkun sar barra, u biex ir-rifjut tieghu jkun validu, jrid ikollu l-parir li jaqbel mieghu tal-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Attijiet Notarili.

‘Illi t-trattament lil cittadin Malti ta’ tali vessazzjoni, u dan ghaliex huwa cittadin li l-origini tieghu ma kenitx mill-bidu Maltija u l-anqas Ewropea, huwa trattament diskriminatorju, u dan minhabba l-origini, u dan bi ksur ta’ l-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea marbut ma’ vjolazzjoni ohra li tissemma’ aktar ‘l isfel, u ksur tal-Kostituzzjoni fl-**artikolu 45.**

‘Illi l-agir ta’ l-intimat huwa fuq kollox vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex qed jippriva lil cittadin milli jkollu lil martu rikonoxxuta f'dan il-pajjiz, b’menomazzjoni ta’ drittijiet u b’diffikultajiet sahansitra li toqghod Malta. Illi huwa ma dahalx Malta bhala xi klandestin, ghaliex hu gradwat ta’ l-Universita` ta’ Londra, hadem ma’ kumpanija parastatali bhal ma hi l-Maltacom PLC, u llum jahdem bhala *computer programmer*. Kif inhuma l-affarijiet martu forsi tista’ toqghod Malta jekk il-*Principal Immigration Officer* jaghtiha *visa* biex toqghod!

Ghalhekk l-esponenti possibbilment jista’ jifforma familja *"part-time"* jew *"casual".*

‘Illi l-fatt li d-Direttur, minkejja d-digriet tal-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Notarili, baqa’ xorta ma rregistrax iz-zwieg igib ksur tal-**artikolu 6 (1)** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan ghaliex kulhadd ghandu dritt li l-jeddijiet tieghu civili jehodhom quddiem tribunal imparzjali u indipendenti u li jkun hemm esekuzzjoni ta’ tali decizjoni, u mhux semplicement l-Istat stess jiffrustra dak li l-organu gudizzjajru jkun iddecieda, jew idewwem u jkaxkar riglejh biex jesegwixxi meta din hi materja urgenti, u aghar, li minkejja d-digriet xorta jibqa’ jinsisti ghall-pozizzjoni li kellu qabel. Hekk sfaccjatament ghamel l-intimat. Illi r-rifjut, il-ksur tal-ligi civili, in-nuqqas ta’ osservanza ta’ dak li hu mpost f'ligi fuqu, da parti tad-Direttur intimat, in-nuqqas ta’ osservanza ta’ digriet ta’ Qorti li tirregolah, juru li dan hu stat fi stat.

‘Ir-rifjut li jirrikonoxxu passaport Malti (mahrug minn Triq San Pawl, Valletta) fi Triq Tezorerija jew Triq Merkanti, minn dipartiment tal-Gvern Malti jwassal ghall-assurdita` fattwali u legali, u huwa sintomu tal-vessazzjoni, inkejja, oppressjoni, u diskriminazzjoni prattikata fil-konfront ta’ l-esponenti. Kull fejn imur fid-dinja jaccettawh bhala cittadin Malti u dan bis-sahha ta’ l-istess passaport Malti li ghandu, b’eccezzjoni wahda. Ma jaccettawhx li hu Malti fid-dipartiment kapeggjat mid-Direttur intimat. Ma hemmx dubju li kieku kien ta’ nisel Malti, minn missier Malti, ma kienx ikun hemm tali vessazzjoni, u dan ghar-ragunijiet ovvji. Dan igib li hawn cittadini ta’ kategorija A u ohrajn ta’ kategorija B, meta t-tnejn kienu hadu ccittadinanza in forza tal-Kostituzzjoni u l-poteri li tohloq.

‘Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, fuq il-fatti hawn esposti:

‘(1) Tiddikjara li hemm vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem **Kap 319** fil-konfront ta’ l-esponenti.

‘(2) Tiddikjara li marbuta ma’ l-ewwel talba hemm diskriminazzjoni prevista mill-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem **Kap 319**, kif ukoll vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 45** tal-Kostituzzjoni.

‘(3) Tiddikjara li hemm vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 6 (1)** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem **Kap 319**.

‘(4) Taghti rimedju effettiv kontra l-vjolazzjonijiet imsemmija, inkluza l-ordni li z-zwieg tieghu fuq riferit jkun debitament registrat minghajr ebda htiega ta’ proceduri ohra, u tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti *in linea* ta’ danni dik is-somma li tistabbilixxi din il-Onorabbli Qorti ghall-ksur imsemmija fit-talbiet (2) u (3) ta’ hawn fuq.

‘Bl-ispejjez.’

“Rat li dan ir-rikors kien appuntat nhar il-21 ta’ Gunju 2005 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2005.

“Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta’ Gunju 2005 a fol.9 tal-process fejn espona bir-rispett:-

‘(1) Illi preliminarjament, ghandu jigi rilevat illi l-kwistjoni mertu ta' din il-kawza tifforma wkoll il-mertu ta' appell pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) (Rikors numru 19/05 (P.S) fl-ismijiet **"Mazen Dadouch vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** li gie intavolat fl-20 ta' Gunju 2005 minn digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili fil-31 ta' Mejju 2005. Ghalhekk din il-kawza tirrigwardja kwistjoni ta' dritt ordinarju u mhux kwistjoni ta' dritt kostituzzjonali. Fil-fatt *ai termini* tal-*proviso* ta' l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) ta' l-Att XIV tas-sena 1987**, f'kwistjonijiet bhal dawn id-dritt ta' l-access ghal Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali mhux

awtomatiku izda huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti quddiem liema jkun gie intavolat l-ilment.

‘Illi *stante* illi hemm appell pendenti huwa mill-izjed indikat illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina illi tezercita l-mansjonijiet taghha taht il-**Kapitolu IV** tal-Kostituzzjoni u taht l-**Att XIV tal-1987.**

‘(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent bl-ebda mod ma vvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent billi ghadu ma rregistrax l-allegat zwieg in kwistjoni *stante* illi r-rikorrent ghazel illi jirrikorri mill-ewwel quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili minghajr ma t-talba tieghu kienet giet rifjutata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-approvazzjoni ta' Vizitatur kif hemm stipulat car fl-**artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

‘Illi r-rikorrent ma jistax jippretendi ii jirregistra l-allegat zwieg meta fl-ewwel lok ma pprezentax bhal kull cittadin iehor l-ittra mid-Dipartiment tac-Cittadinanza li huwa tassew cittadin Malti u fit-tieni lok meta c-certifikat ta' l-allegat Att ta' Zwieg huwa fl-alfabett Russu u mat-traduzzjoni tieghu m'hemmx apostilla *oltre* l-fatt li l-istess traduzzjoni tirreferi ghall-*‘Civilian Registry Administration in Moscow'* u mhux ghall-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Moska *(li hija l-awtorita` kompetenti biex taghmel l-apostilla fuq tali dokumenti pubblici),* minghajr ma l-esponent jaghmel il-verifiki necessarji mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin lokali biex jivverifika jekk dawn id--dokumenti u l-apostilla fuqhom *(li taghhom r-Registru taz-Zwigijiet ghandu fotokopja biss)* humiex genwini u in regola *ai termini* tal-Konvenzjoni tal-Hague dwar l-**'Aboliment tar-Rekwizit tal-Legalizzazzjoni ta' Dokumenti Pubblici Barranin'** iffirmata fil-5 ta' Ottubru 1961 li r-Russja hija parti fiha. Jidher illi r-rikorrent qed jallega diskriminazzjoni kontra tieghu pero' fil-fatt qed jippretendi illi ssir diskriminazzjoni favur tieghu billi qed jippretendi illi ma jagixxix bhal kull cittadin iehor izda jintavola mill-ewwel rikors quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili u jipprezenta lill-esponent bi *“fait*

*accompli",* irrelevanti mill-karenzi fid-dokumenti li qed jippretendi li jirregistra.

'Illi fir-rigward ta' l-allegazzjoni illi l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili ddegretat illi r-rikorrenti kellu jipprezenta l-passaport tieghu minflok id-dokumenti mehtiega, dan mhux minnu *stante* illi din mhix il-procedura normali.

'Illi l-esponent jirrileva illi huwa minnu li persuna ghandu dritt li jiehu l-kaz tieghu quddiem tribunal imparzjali wara rifjut pero` dan mhux il-kaz *stante* illi ma kien hemm l-ebda rifjut tad-Direttur kif qed jigi allegat; apparti l-fatt illi lanqas m'hu minnu li d-Direttur irrifjuta li jirrikonoxxi passaport Malti. Fil-fatt, ir-rikorrent ma gab l-ebda prova biex jissostanzja l-allegazzjoni inveritiera tieghu f'dan ir-rigward. *Inoltre*, mhux minnu lanqas illi d-Direttur naqas milli jirrikonnoxxieh bhala cittadin Malti *stante* illi kull cittadin Malti li jixtieq jirregistra zwieg kontratt barra minn Malta jista' jaghmel dan wara li jipprezenta l-ittra tac-cittadinanza u dokumenti awtentici bit-traduzzjoni awtentikata wkoll fil-kaz illi l-lingwa ma tistax tinftiehem. Fil-fatt l-argumenti kollha li r-rikorrent qed jigi diskriminat *stante* illi akkwista c-cittadinanza tieghu wara li zzewweg Maltija, (liema zwieg gie annullat ghax kien zwieg ta' konvenjenza) huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kull cittadin Malti min-naxxita jintalab li jaghmel l-istess f'cirkostanzi analogi ghall-kaz odjern.

'Ghalhekk, l-esponent ukoll jissottometti illi: (1) l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni** ma huwa bl-ebda mod involut *stante* illi dak l-artikolu ma jimplikax illi jezisti xi dritt illi wiehed jirregistra zwieg tieghu li jkun sar barra l-pajjiz f'kull pajjiz parti ghall-Konvenzjoni Ewropeja. Dan wisq inqas jekk ma jigux prodotti dokumenti awtentikati kif suppost u kif mehtieg biex tigi zgurata r-ritwalita` tar-registrazzjoni mitluba; (2) illi s-sottomissjoniji tar-rikorrent m'hijiex wahda fejn huwa qieghed jissokkombi diskriminazzjoni jew trattament li ma huwiex oggettivament gustifikabbli fit-termini ta' l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** u dan specjalment *in vista* tan-nuqqas ta' awtentikazzjoni

kif suppost tad-dokumenti; (3) illi l-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja** ma huwa bl-ebda mod ingaggjat bil-fatti tal-kaz odjern u ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda; bl-ispejjez."

"Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta' Gunju 2005 a fol 12 tal-process fejn dehret Dr. Roma D'Alessandro ghad-Direttur intimat. Ir-rikorrenti gie imsejjah baqa' ma deherx u ma kienx notifikat bl-avviz tas-smiegh. Sussegwentament deher Dr. Joseph Brincat u ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh. Ir-rikors gie differit ghas-16 ta' Novembru 2005 ghan-notifika tar-rikorrent bl-avviz tas-smiegh.

"Rat ir-rikors ta' Mazen Dadouch datat 30 ta' Gunju 2005 a fol.16 tal-process fejn talab bir-rispett lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna, minghajr pregudizzju ghall-mertu, li Nataliya Smolyakova Alexandrovna titqies bhala mart l-esponenti bid-drittijiet ta' residenza f'Malta u bid-drittijiet l-ohra moghtija lil mara ta' ragel Malti, u dan sakemm tigi deciza finalment din il-kawza. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, fit-22 ta' Lulju 2005, ordnat in-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u Kummissarju tal-Pulizija bi zmien hamest ijiem ghar-risposta.

"Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 2 ta' Awissu 2005 fejn opponew l-istess talbiet u talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschier sabiex joghgobha tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez.

"Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata t-2 ta' Awissu 2005 fejn talbu bir-rispett lil din il-Qorti kif diversament presjeduta sabiex joghgobha tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez.

"Rat in-nota tar-rikorrent **Mazen Dadouch** datata l-1 ta' Lulju 2005 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess li qieghed immarkat bhala Dok 'MD1'; kopja tal-

passaport ta’ Mazen Dadouch immarkata Dok ‘MD1’; kopja tal-passaport il-qadim ta’ Mazen Dadouch immarkata Dok ‘MD2’ u kopja tac-certifikat ta’ cittadinanza ta’ Mazen Dadouch immarkata Dok ‘MD3’ kollox kif jidher minn fol. 17 sa fol.21 tal-process.

“Rat ir-rikors tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datat 11 ta’ Novembru 2005 a fol.31 fejn filwaqt li talbet skuza ghal kull inkonvenjent li jista’ jinholoq lil din l-Onorabbli Qorti talbet umilment li l-kawza tigi differita ghal data ulterjuri. Il-Qorti kif diversament presjeduta, b’digriet moghti fit-18 ta’ Novembru 2005, irriservat li tipprovdi fl-udjenza wara li tkun semghet lill-kontro-parti.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-16 ta’ Novembru 2005 (fol.33) fejn deher Dr. Joseph Brincat ghar-rikorrenti prezenti u pprezenta kopja informali ta’ sentenza mill-Qorti Prim’Awla fl-10 ta’ Marzu 2000 u ddikjara li ghalaq il-provi. Il-Qorti, b’rifereneza ghar-rikors prezentat fit-30 ta’ Gunju 2005, ordnat li sakemm jigu definittivament konkluzi l-proceduri odjerni, mart ir-rikorrent ma tigix deportata minn dawn il-Gzejjer jew b’xi mod iehor imfixkla. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Dicembru 2005 ghall-provi tal-konvenut.

“Rat il-kopja informali tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim’ Awla fl-10 ta’ Marzu 2000 fl-ismijiet **“Pauline Ahmed nee` Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** Cit. Nru. 171/95 pprezentata minn Dr.Joseph Brincat fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2005.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta’ Dicembru 2005 (fol.45) fejn deher Dr. Joseph Brincat ghar-rikorrenti u Dr. Peter Grech ghall-intimati li pprezenta affidavit tax-xhud tal-konvenut b’kopja li giet konsenjata *seduta stante* lill-kontro-parti. Xehed **Richard Anthony Scotto** prodott in kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Jannar 2006 ghall-konkluzjoni tal-provi ta’ l-intimat.

“Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata *seduta stante* fis-6 ta’ Dicembru 2005 li permezz taghha pprezenta x-xhieda tieghu permezz ta’ l-affidavit ta’ **Richard Anthony Scotto** li hu mmarkat bhala Dok ‘A’ kif jidher a fol.47 tal-porcess.

“Rat l-ordnijiet ta’ din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datati 10 ta’ Jannar 2006 u 26 ta’ Jannar 2006 rispettivament fejn il-kawzi gew differiti ghall-istess skop.

“Rat ir-rikors tal-Vici-Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u Intern datat 20 ta’ Marzu 2006 (fol. 55A) fejn talab bir-rispett lill-Qorti joghgobha tezentah milli jidher fl-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2006 u joghgobha wkoll tordna illi jekk huwa jerga’ jigi mharrek l-oggett tax-xhieda jigi spjegat lilu.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta’ Marzu 2006 (fol.56) fejn dehret Dr. Roma D’Alessandro ghad-Direttur Registru Pubbliku u Dr. Joseph Brincat ghar-rikorrenti mhux prezenti. Deher l-Onorevoli Vici-Prim Ministru Dr.Tonio Borg mharrek bhala xhud. Il-Qorti rrilevat illi r-rikors ta’ l-Onorevoli Vici-Prim Ministru prezentat fl-20 ta’ Marzu 2006 gie a konjizzjoni tal-Qorti dak in-nhar stess qabel is-seduta u *in vista* tal-fatt li l-istess xhud kien prezenti l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess. Il-Qorti ordnat komunika ta’ dan il-verbal lir-Registratur tal-Qorti. Dr.Brincat *in vista* tal-verbal tas-16 ta’ Novembru 2005 talab li jinstema’ l-Onorevoli Ministru Dr.Tonio Borg minhabba fatti li gew a konjizzjoni tieghu biss ricentament hafna. Dr. Roma D’Alessandro oggezzjonat ghall-produzzjoni ta’ l-istess xhud *in vista* ta’ l-istess dikjarazzjoni minn Dr.Brincat u rrimettiet ruhha ghal decizjoni tal-Qorti. Il-Qorti minhabba li x-xhud jinsab prezenti laqghet it-talba. Xehed l-**Onorevoli Vici-Prim Ministru Dr.Tonio Borg** prodott mir-rikorrenti. Dr. Joseph Brincat kellu iharrek bhala xhud rapprezentant ta’ l-Ufficcju tal-Prim Ministru jew ta’ l-Ufficcju tac-Cittadinanza biex jesebixxi kopja tac-cirkolari li rrifera ghaliha l-Onorevoli Vici-Prim Ministru fix-xhieda tieghu u kampjun tac-certifikat tac-cittadinanza. Dr. Roma D’Alessandro sa frattant kellha tirregola ruhha dwar x’baqaghla provi. Il-

kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-2 ta’ Mejju 2006; u tat-2 ta’ Mejju 2006 fejn dehru Dr. Joseph Brincat ghar-rikorrenti prezenti u Dr. Roma D'Alessandro ghall-intimat Direttur Registru Pubbliku u Richard Scotto ghall-istess. Xehed **Stephen Falzon**, rapprezentant tad-Dipartiment tac-Cittaddinanza, Ministeru tal-Intern u *ex-Patriot*, prodott mir-rikorrenti. Dr. Brincat iddikjara li ghalaq il-provi tieghu. Dr.Roma D'Alessandro prezentat nota b'dokumenti b'kopja lid-difensuri tal-kontroparti *seduta stante* u ddikjarat li m'ghandhiex provi izjed. Id-difensuri talbu li jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet. Dr. Brincat talab li jaghmel in-nota fi zmien hmistax-il gurnata (15). Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta’ hmistax-il gurnata (15) lir-rikorrenti biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha erbghin (40) gurnata biex tirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota tar-rikorrenti ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota ta’ l-intimat Direttur Registru Pubbliku jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lir-rikorrenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolo ghall-10 ta' Ottubru 2006.

“Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta’ Mejju 2006 u pprezentata *seduta stante* li permezz taghha ipprezentat ix-xhieda ta’ l-affidavit ta’ **Richard Anthony Scotto** mmarkat bhala Dok ‘A’ u sentenza datata 5 ta’ April 2006 moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (App.Civili 19/2005) immarkat bhala Dok ‘B’.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 13 ta’ Gunju 2006.

“Rat in-nota responsiva ta’ l-intimat datata 6 ta’ Ottubru 2006.

“Rat ir-rikors datat 6 ta’ Ottubru 2006 u d-digriet datat 9 ta’ Ottubru 2006.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

*omissis*

**“(II) PROVI PRODOTTI.**

“Illi fl-affidavit tieghu r-rikorrent Mazen Dadouch xehed li huwa twieled fis-Sirja fl-1967. Meta kellu 23 sena gie Malta u zzewweg u fl-1993 ha c-cittadinanza Maltija. Illum huwa m’ghandu l-ebda rabta mas-Sirja, la passaport u lanqas ghandu dritt li jkollu. Miz-zwieg tieghu huwa kellu zewg ulied, wahda waqt iz-zwieg u ohra waqt is-separazzjoni. Martu sussegwentement fethet kawza ghall-annullament u z-zwieg tieghu gie annullat – ghalkemm l-intimati jsostnu li l-istess zwieg gie annullat ghaliex kien zwieg ta’ konvenjenza. Huwa hadem ma’ kumpanija f’Malta. Wara l-annullament iltaqa’ mal-mara li ghandu u zzewgu r-Russja fil-31 ta’ Lulju 2003. Hija kellha tibqa’ hemm minhabba ragunijiet ta’ xoghol. Kif setghet tigi, qal li pprova jirregistra z-zwieg tieghu. Bdew jitolbuhom *translation* u bolli ufficjali fuq ic-certifikati u dawn hadu ftit taz-zmien. Imbaghad bazikament ta l-istess fatti li diga’ kienu mnizzla fir-rikors u spicca billi qal li martu qisha turista barranija ghaliex skond ir-Registru Pubbliku u l-Pulizija hija mhux certifikata li hija martu.

“Illi Richard Anthony Scotto, ufficjal fir-Registru taz-Zwigijiet, spjega l-procedura li tigi adottata mid-Dipartiment f’kaz ta’ zwieg kontrattat barra minn Malta. Huwa xehed li r-rikorrent ma kellux id-dokumenti awtentikati kif rikjesti. Huwa sostna li ma kien hemm l-ebda rifjut min-naha tad-Direttur. Illi in kontro-ezami xehed li r-Registru Pubbliku biex jigi registrat zwieg li jsehh barra minn Malta jitolbu ittra mid-dipartiment tac-cittadinanza li turi li tali persuna huwa cittadin Malti. Din hija prassi tad-dipartiment tieghu.

“Illi l-**Onorevoli Vici-Prim Ministru Dr Tonio Borg** xehed li qabel il-Gvern kien jitlob bhala prova tac-cittadinanza Maltija certifikat tac-cittadinanza mahrug mid-dipartiment tac-cittadinanza. Izda mbaghad minn certu data ‘l quddiem gie deciz li d-dipartimenti tal-Gvern kollha

jaccettaw bhala prova tac-cittadinanza l-passaport Malti. Dan it-tibdil sar permezz ta' cirkulari.

"Illi din il-procedura li kienet tirrikjedi certifikat tac-cittadinanza kienet regolament intern u ma kienet tohrog mill-ebda ligi jew avviz legali. Huwa kkonferma li l-ewwel ikollok ic-certifikat tac-cittadinanza imbaghad iggib il-passaport.

"Illi huwa spjega pero` li jista' jaghti l-kaz li bniedem tilef ic-cittadinanza u jifdallu l-passaport f'idejh. Mentri meta persuna tmur ghac-certifikat tac-cittadinanza dejjem tigi vverifikata s-sitwazzjoni attwali. In kontro-ezami xehed li huwa d-dipartiment tac-cittadinanza li huwa d-dipartiment kompetenti minn fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar cittadinanza.

**"(III) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.**

"Illi kif diga` inghad ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet datata 13 ta' Gunju 2006 irrinunzja ghall-ilment tieghu abbazi ta' diskriminazzjoni u wkoll dak indikat fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u qed jibbaza ghalhekk it-talba tieghu abbazi ta' ksur tad-dritt fundamentali tieghu kif protett bl-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

"Illi ghalhekk huwa opportun f'dan l-istadju li ssir referenza ghall-imsemmi **artikolu 8**. Dan jipprovdi s-segwenti :

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.*

"Illi **Luke Clemens** f'***Taking a Case under the Convention*** jispjega fuq dan l-artikolu li:-

*"The starting point is therefore the principle that an individual has the right to live free from the shackles of the state; that the private is superior to the public. Where the public well-being places restriction upon individual privacy, these restriction must be clearly defined, logically justified and the minimum necessary to achieve the legitimate collective objective."*

"Illi kif intqal fis-sentenza **"Alexia Portelli et vs Il-Ministru tal-Gustizzja u ta' l-Intern et"** (P.A. (GCD) -16 ta' Awissu 1995 - Rik Nru: 43/04/GCD):-

*"Bhala principju generali, dan l-artikolu ma johloqx obbligu fuq l-istat illi joqghod fuq l-ghazla tal-partijiet dwar f'liema pajjiz ghandhom joqoghdu meta, biex jaghmel hekk, ikollu jilqa' fit-territorju tieghu lill-parti li ma hijiex cittadin tieghu".*

*"The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending to a general obligation on the part of a Contracting State to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country (**Abdulaziz, Cabales u Balkandali vs ir-Renju Unit,** Q.E.D.B. 24 ta' April 1985, para.68)….L-obbligu fuq l-istat huwa illi ma jindahalx fil-hajja tal-familja sakemm dak l-indhil ma jkunx skond il-ligi u mehtieg f'socjeta` demokratika."*

"Illi jinghad ukoll li kif il-Qorti Ewropea tenniet fil-**Belgian Linguistic Case** (1) *European Court*, 9 ta' Frar 1967 & (2) *European Court* 23 ta' Lulju 1968):-

*"The object of the Article is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Nevertheless, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective 'respect' for family life."*

“Illi kien hemm ukoll il-kaz ta’ **“Gul vs Switzerland”** (*European Court* 19 ta’ Frar 1996 – 22 E.H.R.R 93). Fost affarijiet ohra intqal f’dan il-kaz li l-**artikolu 8** jirrikjedi li jkun hemm bilanc bejn l-interessi ta’ l-individwu u dawk tal-komunita`.

“Illi fis-sentenza **“Mohannid Sogr Garzadin vs L-Onor. Prim Ministru et”** (P.A. (GCD) – 31 ta’ Jannar 2006 - Rik Nru: 35/05/GCD) intqal li:-

*“Il-fatt illi persuna jkollha familja f’Malta u ghalhekk ghandha jedd ghall-harsien tal-hajja tal-familja ma jfissirx illi dik il-persuna hija mehlusa milli thares id-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar l-immigrazzjoni, ghax l-artikolu 8 stess jaghti lill-istat is-setgha illi jirregola dan il-jedd b’ligi sabiex ihares inter alia ‘l-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz.”*

**“(III) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ IN EZAMI.**

“Illi preliminarjament id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) ta’ l-Att XIV tal-1987** biex din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha. Dan ghaliex il-kwistjoni mertu tar-rikors odjern jifforma wkoll il-mertu ta’ appell li kien pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri).

“Illi l-gurisprudenza f’dan ir-rigward giet riassunta fil-kawza fl-ismijiet **“Melita Cable p.l.c vs L-Avukat Generali et** (Q.C. – 16 ta’ Jannar 2006 - 27/2003) mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u b’hekk qed issir referenza ghall-imsemmija principji hemm enuncjati.

“Illi jinghad ukoll li fil-frattemp l-appell surreferit gie deciz fil-5 ta’ April 2006 u li ghalkemm il-mertu ta’ dak l-appell jincidi fuq il-mertu tar-rikors odjern ma jistax jinghad pero` li hija l-istess kwistjoni. Ir-rikors odjern imur *ben oltre’* ghax l-allegazzjoni hija vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja tal-familja tar-rikorrent minhabba rifjut li z-zwieg tieghu jigi registrat. Dan apparti li l-istess rikorrenti ghadu qed jitlob rimedju li

jekk huwa intitolat ghalih u jekk l-ilment tieghu huwa gustifikat ghadu ma nghadtx lilu, u ghalhekk din il-Qorti qed taghzel li f'dan il-kaz tapplika d-diskrezzjoni taghha favur ir-rikorrenti.

"Illi fi kwalunkwe kaz hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ma giex ippruvat b'xi mod li r-rikorrent kellu rimedju iehor xieraq li seta' jigi segwit minnu sabiex dan l-allegat ksur tal-jedd fondamentali tieghu jigi investigat. Kwindi din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, id-Direttur tar-Resgistru Pubbliku, qed tigi michuda.

"Illi mill-provi prodotti rrizulta li r-rikorrent huwa mwieled fis-Sirja u li huwa kien izzewweg Maltija. Fin-1993 gab ic-cittadinanza Maltija u ghalhekk huwa cittadin Malti b'passaport Malti. Huwa u martu sseparaw sakemm eventwalment l-istess zwieg taghhom gie ddikjarat mill-Qorti bhala null, skond l-intimat ghaliex kien zwieg ta' konvenjenza u fil-fatt dan sar b'decizjoni fl-ismijiet **"Mazen Dadouch vs Marie Dadouch xebba Galea"** datata 22 ta' Marzu 2002 – (Citaz. Numru 2233/99). Konsegwenti ghal dan l-annullament ir-rikorrent ghalhekk wara zzewweg lil Nataliya Alexandrovna Smolyokova fir-Russja.

"Illi meta huwa pprova jirregistra dan iz-zwieg tieghu f'Malta gie nfurmat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa seta' jirregistra z-zwieg tieghu jekk igib ittra minn Kastilja li huwa cittadin Malti. Din l-ittra ma nghatatx lilu minn Kastilja hekk kif mar ghaliha u b'hekk gab dawn il-fatti quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Attijiet Notarili li b'digriet tal-31 ta' Mejju 2005 issollecitat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra dan iz-zwieg *"salv li l-istess rikorrenti jaghmel a dispozizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliki kopja originali tal-istess Att taz-Zwieg u traduzzjoni tal-istess certifikat mill-lingwa Russa ghal dik Ingliza Awtentikata mill-Avukat Joseph Brincat".* Izda *nonostante* dan id-digriet huwa xorta wahda baqa' jinghata l-istess trattament u kwindi fetah ir-rikors odjern.

"Illi b'decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tal-5 ta' April 2006 wara li l-istess Qorti hekk presjeduta espremiet id-dubji taghha

kemm r-rikorrenti odjern setgha jadixxi lil Qorti ta' Revizzjoni ta' l-Atti Notarili ghal din it-talba anke peress li dan setgha jsir biss abbazi ta' l-**artikolu 242 (1) u (2) tal-Kap 242,** sostniet li biex att bhal dak indikat fl-**artikolu 244 tal-Kodici Civili** jigi registrat hawn Malta jehtieg li (a) l-att maghmul minn awtorita` kompetenti fl-esteru irid ikun jinvolvi cittadin ta' Malta u (b) li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jrid ikun sodisfatt mill-awtenticita` tieghu; dwar l-ewwel prova l-istess Qorti sostniet li *"kif taraha din il-Qorti wiehed ma jistax jittragga b'mod konklussiv u inekwivokabbli l-prova tac-cittadinanza mill-passaport biss, imma kien jehtieg, ghal skop ta' konvinciment, il-prova supplettiva ta' l-att tac-cittadinanza mill-ufficjal pubbliku b'funzjoni prevalenti ta' dokumentazzjoni ta' din ix-xorta. Jekk xejn, ghax tali prova ghandha effikacja probatorja ta' attestazzjoni kompleta. Jekk mill-ottika ta' l-appellat wiehed ma jistax jifhem l-insistenza ta' l-appellant ghal din il-prova oltre l-passaport, minn naha l-ohra, konsiderata l-kwistjoni mill-perspettiva ta' l-appellant, wiehed lanqas ma jista' ragonevolment japprezza r-resistenza ta' l-appellat biex jipproduci dik il-prova rikjesta minnu. Din forsi kienet taghmel sens f'kaz ta' distruzzjoni jew telf tar-registri ta' l-atti tac-cittadinanza jew inezistenza tar-registrazzjoni relattiv, imma la dan ma huwiex il-kaz din il-Qorti difficilment tista' ssib raguni fir-rezistenza da parti ta' l-appellat ghall-produzzjoni tac-certifikat relattiv mitlub".* Dan apparti li l-Qorti qalet li l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu diskrezzjoni li jitlob dawk id-dokumenti li jidhirlu ragonevoli sabiex jigi ppruvat dak sottomess u f'dan il-kaz jidher li l-istess Direttur issottemetta li d-dokument ta' l-att taz-zwieg redatt fir-Russja u t-traduzzjoni ta' l-istess, kif prodotti mir-rikorrenti odjern, ma kienux jaghmlu prova awtenitika sufficjenti, decizjoni li kienet tispetta bil-ligi lil-intimat odjern, u li allura l-istess Qorti qablet ma' l-istess u rrevokat l-provediment moghti mill-Qorti ta' Revizjoni Nutarili tal-31 ta' Mejju 2005, proprju b'din id-decizjoni tal-5 ta' April 2006 li tinsab esebita b'nota ta' l-intimat datat 2 ta' Mejju 2006.

"Illi mix-xhieda ta' **Richard Anthony Scotto,** ufficjal li jahdem fir-Registru taz-Zwigijiet, irrizulta li d-dokumenti li pprezenta Mazen Dadouch ma kienux awtentikati mill-

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Moska li hija l-Awtorita` kompetenti biex taghmel l-apostilla fuq tali dokumenti pubblici. Inoltre rrizulta wkoll li kull cittadin Malti li jkun irid jirregistra z-zwieg tieghu fir-Registru Pubbliku jrid jipproduci ittra ta' cittadinanza li kienet tinhareg mid-dipartiment tac-Cittadinanza. Kien ghal dawn iz-zewg ragunijiet li z-zwieg tieghu ma giex registrat.

"Illi ta' min jinnota wkoll f'dan l-istadju li d-digriet tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Attijiet Notarili moghti fil-31 ta' Mejju 2005 (a fol. 4 tal-process) ma semmiex li l-passaport tar-rikorrent kienet prova sufficjenti tac-cittadinanza tieghu u ssollecita lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkunsidra favorevolment it-talba tar-rikorrent ghar-registrazzjoni taz-zwieg tieghu *"salv li l-istess rikorrenti jaghmel a disposizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kopja originali tal-istess Att taz-Zwieg u traduzzjoni tal-istess certifikat mill-Lingwa Russa ghal dik Ingliza Awtentikata mill-Avukat Joseph Brincat".*

"Illi fil-fatt kif gja inghad dan l-imsemmi digriet gie mhassar u revokat permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (A.C. -19/05/PS) fil-5 ta' April,2006. L-Onorabbli Qorti laqghet l-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku *stante* li huwa sostna li d-dokument ta' l-att taz-zwieg redatt fir-Russja u t-traduzzjoni ta' l-istess ma jaghmlux prova awtentika sufficjenti minhabba li dak id-dokument ma kienx awtentikat mir-rapprezentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern Malti fil-pajjiz li hargu u dik l-awtenticita' tieghu ma gietx provata xort'ohra. Infatti l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet hekk :-

*"Bhala element tal-fattispeci kostitutiv tal-vinkolu li taghmel il-prova dokumentali ma jidherx li din il-Qorti tista' tissindika d-diskrezzjoni ta' l-appellanti li ma jqisx dawk l-istess dokumenti pprovduti mill-appellat sodisfacenti ghalih. Dan fis-sens li ghandhom jittiehdu bhala li qed jipprovaw dak li jikkontjenu jew li jipprovaw li dak li jikkontjenu huwa wkoll xhieda tal-fatti fihom registrati. Multo magis, imbaghad, meta dawk id-dokumenti ma jkunux saru fil-presenza tieghu jew kompjuti mill-ufficcjali inkarigati skond il-Kodici Civili;"*

"Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-ostakolu principali ghar-registrazzjoni taz-zwieg tieghu ma kienitx biss il-produzzjoni ta' l-ittra mid-Dipartiment tac-Cittadinanza izda fuq kollox in-nuqqas min-naha tar-rikorrent li jipprovdi d-dokumenti kif rikjesti skond il-ligi kemm lokali kif espressa fis-sentenza appena citata u wkoll mhux lanqas skond id-disposizzjoni tal-**Konvenzjoni tal-Hague dwar l-"Aboliment tar-Rekwizit tal-Legalizzazzjoni ta' Dokumenti Pubblici Barranin".**

"Illi rrizulta wkoll mix-xhieda tal-Onorevoli Vici-Prim Ministru Dr. Tonio Borg li t-talba bhala prova tac-cittadinanza Maltija ghal certifikat tac-cittadinanza ma tirrizultax minn xi ligi jew avviz legali izda kienet regolament intern. Illi jinghad li kienet fil-mori ta' dawn il-proceduri nharget cirkulari applikabbli ghad-dipartimenti kollha tal-Gvern, inkluz ghalhekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku, li l-passaport Malti setgha jigi accettat bhala prova tac-cittadinanza Maltija, izda din ic-cirkolari bl-ebda mod ma giet esebita f'dawn il-proceduri; mhux hekk biss izda jidher li d-Dipartiment tac-Cittadinanza huwa d-dipartiment kompetenti fir-rigward ta' materja ta' Cittadinanza u li tali ittra ta' cittaddinanza hija l-ahjar prova biex turi jekk persuna koncernata hijiex cittadin Malti f'dak il-mument preciz ta' l-applikazzjoni u dan anke ghall-precizzjoni nkluzi ghar-ragunijiet indikati mill-intimat fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

"Illi *nonostante* dan pero` din il-Qorti xorta wahda trid tinvestiga jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 8** fil-konfront tar-rikorrent. Jinghad mill-ewwel li din il-Qorti ma ssibx li kien hemm tali vjolazzjoni. Fuq kollox d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma rrifjutax b'mod finali li jirregistra z-zwieg tieghu izda talab lir-rikorrent biex jipproduci d-dokumenti skond kif rikjesti mil-ligi nkluz ic-certifikat tac-cittadinanza. Certament li c-certifikat tac-cittadinanza kien ifisser aktar giri u forsi aktar inkonvenjent ghall-istess rikorrenti u forsi ftit aktar dewmien biex il-procedura tar-registrazzjoni tkun konkluza, izda dan bl-ebda mod ma jwassal ghal xi vjolazzjoni ta' dritt lamentat. Kienet tkun kwistjoni ohra li kieku d-Dipartiment tac-Cittadinanza kien

qed jirrifjuta b’mod ghal kollox arbitrarju li johrog tali certifikat lir-rikorrent ghax allura kien ifisser li z-zwieg tieghu qatt ma seta’ jigi registrat minhabba dik ir-regola interna. Izda dan qatt ma gie allegat u wisq inqas ippruvat.

“Illi fuq kollox jidher li l-istess rikorrenti lanqas kien produca d-dokumenti rikjesti lilu anke mill-ligi sabiex tali talba tieghu tigi milqugha, u jidher li fis-sentenza gja citata ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell sar accenn ampju ghal dan, tant li l-istess Qorti espremiet il-perplessita` taghha ghall-insistenza ta’ l-istess rikorrenti odjern li ma jipprovdiex id-dokumenti necessarji awtentikati kif mitlub lilu, u allura certament li l-istess rikorrenti kien inadempjenti f’dan ir-rigward u kien ukoll minhabba dan in-nuqqas tieghu li l-intimat odjern ma setax jaccetta t-talba tieghu. Dan fil-fatt jikkonferma wkoll ix-xhieda u sottomissjonijiet moghtija mill-intimat odjern.

“Illi *inoltre* ghalkemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent accenna li jista’ jkun hemm diversi konsegwenzi jekk ir-rikorrent ma jkollux martu registrata bhala tali, izda dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati u jigi nnutat li l-istess persuna lanqas biss giet prodotta bhala xhud. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li mill-provi prodotti jirrizulta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma rrifjutax b’mod kategoriku li z-zwieg ma kienx se jigi registrat, izda biss insista, kif kellu dritt li jaghmel, li d-dokumenti relattivi dwar iz-zwieg tar-rikorrenti barra minn Malta jigu debitament pprezentati u debitament awtentikati, u wkoll insista dwar il-produzzjoni tac-certifikat tac-cittadinanza, kif setgha jaghmel, sabiex ikun zgur dwar l-*istatus* tar-rikorrenti, u dan jidher li kien ragonevoli tenuti c-cirkostanzi tal-kaz kif gie deciz fis-sentenza ta’ l-Onorabbbli Qorti ta’ l-Appell, u dan wara li l-istess rikorrenti agixxa b’rikors quddiem il-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Notarili.

“Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda ta’ Stephen Falzon tat-2 ta’ Mejju 2006 fejn ma jidhirx li kien hemm xi diffikulta` sabiex jinhareg l-istess certifikat ta’ cittadinanza, tant li jidher li l-istess gie esebiet bhala Dok. “SF 3” fil-

process, ghalkemm l-istess xhud qal li c-cirkolari li ssemmiet f'dawn il-proceduri huwa ma kienx jaf biha.

“Illi mela allura jidher car li f'dan il-kaz ma jistax jinghad li kien hemm ksur ta' l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja,** u dan ghaliex mill-provi jidher li kien ir-rikorrenti li ma provdiex id-dokumenti rikjesti mill-ligi u l-Awtoritajiet kompetenti sabiex it-talba tieghu tigi milqugha u dan apparti l-fatt li hawnhekk hawn fejn terga' ssir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **“Abdulaziz, Cabales & Balkandali v United Kingdom”**:-

*“The duty imposed by Article 8 could not be considered as extending to a general obligation on the part of a Contracting State to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country.”*

“Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**“<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu fir-risposta datata 28 ta' Gunju 2005 in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors tieghu datat 20 ta' Gunju 2005** *stante* li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

**<u>L-appell tar-rikorrent</u>**

**3.** Mazen Dadouch appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors prezentat fil-11 ta' Ottubru 2006. L-ewwel aggravju tal-appellant hu, bazikament, li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ossia provi li kellha quddiemha. It-tieni aggravju (indirizzat fir-rigward tal-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni) hu fis-sens li bil-“policy” ossia prassi adoperata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, inholoq ostakolu biex jigi registrat iz-zwieg tieghu b’mod ukoll li huwa ma kellu ebda access ghal qorti imparzjali w indipendenti. It-tielet aggravju, fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, hu fis-sens li d-Direttur appellat holoq diffikultajiet ghall-hajja familjari tieghu (cioe` tal-appellant) bi ksur tal-Artikolu 8 meta ma kien hemm ebda ligi, izda biss policy jew prassi, li fuqha l-istess Direttur seta’ legittimament isejjes dawn id-diffikultajiet. Ghalhekk l-appellant talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif ukoll fejn cahdet l-ilment riferibbilment dwar l-allegazzjoni ta’ ksur tal-Artikoli 14 u 45 tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament, izda thassarha u tirrevokaha fil-bqija “u minflok tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-appellanti, bl-ispejjez kontra l-intimat.” Din il-Qorti appuntat l-appell ghas-smigh, bhala “primo appuntamento” ghas-16 ta’ Ottubru 2006. Fis-16 ta’ Ottubru 2006 l-appellat ippresenta r-risposta tieghu ghar-rikors ta’ appell; u giet ukoll prezentata nota tal-appellant li biha informa lill-Qorti li sa dik il-gurnata (cioe` 16 ta’ Ottubru 2006) “minkejja li l-kap tad-dipartiment tac-cittadinanza xehed f’dawn il-proceduri li l-esponenti kien u ghadu cittadin [Malti][1], sal-lum din l-ittra[2] ghadha ma waslitx.

**4.** Fis-16 ta’ Ottubru 2006 l-appell gie differit ghat-trattazzjoni ghas-<u>6 ta’ Novembru 2006</u>. F’din l-ahhar data, wara li d-difensuri tal-partijiet kienu bdew jitrattaw l-appell, din il-Qorti deherilha li kellha tisma’ bil-gurament lil Stephen Falzon (ara *nota in calce* numru 1) sabiex jghid jekk Mazen Dadouch fl-20 ta’ Jannar 2005 kienx cittadin Malti, jekk ghandux cittadinanza maltija llum, u biex jipprezenta “ittra tac-cittadinanza” fl-atti ta’ din il-Qorti. Il-Qorti ddifferiet l-appell ghall-kontinwazzjoni ghat-13 ta’ Novembru 2006. Fl-udjenza tat-13 ta’ Novembru 2006 id-difensur ta’ l-appellant informa lill-Qorti li b’ittra datata <u>9 ta’</u>

[1] Ir-referenza evidentement hija ghad-deposizzjoni ta’ Stephen Falzon tat- 2 ta’ Mejju 2006 (fol. 88 *et seq.* tal-atti).
[2] L-ittra li hu ghadu cittadin Malti, liema ittra kienet qed tintalab mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u li pprecipitat din il-kawza.

Novembru 2006 id-Direttur tar-Registru Pubbliku kien informa lill-appellant li huwa seta' jmur ir-Registru Pubbliku biex jirregistra z-zwieg tieghu f'certi hinijiet, indikati fl-istess ittra, basta li jiehu mieghu "l-original jew kopja awtentikata tac-certifikat taz-zwieg" li kellu jigi registrat[3]. Il-partijiet talbu differiment biex jipprovaw jitransigu l-kawza, izda fl-udjenza ta' wara (4 ta' Dicembru 2006) infurmaw lill-Qorti li tali transazzjoni ma kienitx sehhet. Bhala fatt il-partijiet qablu li fit-13 ta' Novembru 2006 iz-zwieg ta' l-appellant ma' Nataliya Smoljakova Alexandrovna[4] kien gie effettivament registrat fit-termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**5.** Ezaminati bir-reqqa l-atti ta' din il-kawza, inkluzi n-noti ta' referenzi tal-partijietypprezentati fil-mori ta' l-appell, din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li din il-kawza hija biss il-frott ta' pika min-naha tal-appellant (jew, kif donnu jidher, tad-difensur tieghu) abbinata ma' doza ta' letargija interdipartimentali li kompliet tikkomplika s-sitwazzjoni inutilment.

**6.** Jibda biex jigi precizat li ghalkemm fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata b'mod ghalhekk li tilqa' l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet kif originarjament migjuba fir-rikors promotorju (jigifieri tiddikjara li l-agir ta' l-appellat jikser l-Artikoli 8 u 6(1) tal-Konvenzjoni, u li per konsegwenza taghtih rimedju effettiv), jidher li l-istess appellant nesa li, kif gustament osservat fis-sentenza appellata, huwa kien irrinunzja ghall-ilmenti tieghu taht it-tieni u t-tielet talba. In fatti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tat-13 ta' Gunju 2006 (ara fol. 95 *et seq.*) huwa spicca billi qal hekk:

**'L-esponenti biex izomm din l-azzjoni timxi b'aktar heffa, qed jirrinunzja ghall-ilmenti tieghu taht it-tieni u t-tielet talba, u cioe` dwar id-diskriminazzjoni u dwar l-artikolu 6. U ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex tidhol fihom.'**

[3] Ara kopja ta' l-ittra a fol. 29 tal-atti tal-appell.
[4] Ara Dok. JB1 ezibit fl-4 ta' Dicembru 2006.

Ma jistax issa l-appellant jerga’ jirravviva dak li huwa kien espressament irrinunzja ghalih. Konsegwentement l-uniku ilment ghad fadal x’jista’ jigi ezaminat f’dana l-istadju ta’ appell huwa l-ilment ta’ ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u, s’intendi, it-talba – ir-raba’ talba – ghal rimedju effettiv, inkluz il-hlas ta’ danni.

**7.** Frankament din il-Qorti tara li din il-kawza ikkumplikat ruhha inutilment – sforz ukoll il-pika aktar ‘l fuq imsemmija – u li fil-verita`, meta wiehed jezamina sew l-atti jsib li l-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku f’ebda hin ma agixxa b’mod li vvjola xi dritt ta’ l-appellant protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jaghti ebda dritt awtomatiku ta’ residenza lil xi persuna semplicement ghax din tkun izzewget cittadin ta’ pajjiz firmatarju tal-Konvenzjoni. Dana l-Artikolu jipprovdi hekk:

**1. Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta’ daru u tal-korrispondenza tieghu.**
**2. Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta’ dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f’socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta’ delitti, ghal-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ haddiehor.**

L-appellant mhux qed jallega fil-kaz in dizamina li huwa, jew martu, ser jigu imkeccija minn Malta – huwa qieghed semplicement jghid li l-fatt li ghandu passaport Malti u l-fatt li l-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku “irrifjuta” li jirregistra z-zwieg tieghu celebrat barra minn Malta ma’ mara Russa (bil-konsegwenza li martu trid tapplika u gedded il-viza regolarment u bil-possibilita` ghalhekk li tali viza anke ma tiggeddidilix u hija tispicca imkeccija minn Malta ghax ma jkunx ghadu gie rikonoxxut jew registrat iz-zwieg taghha mal-appellant) jammonta ghal indhil minn

awtorita` pubblika fil-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu li ma hux skond il-ligi. Tajjeb f'dan il-kuntest li wiehed jirrileva dak li qalet il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet **Amrollahi v. Denmark:**

**1. The Court recalls that no right for an alien to enter or to reside in a particular country is as such guaranteed by the Convention. However, the removal of a person from a country where close members of his family are living may amount to an infringement of the right to respect for family life as guaranteed in Article 8 § 1 of the Convention (see the Moustaquim v. Belgium judgment of 18 February 1991, Series A no. 193, p. 18, § 16).**
**2. In the present case, the applicant, an Iranian citizen, is married to a Danish citizen with whom at the time when the expulsion order became final he had one child, also holding Danish citizenship. Accordingly, the expulsion order interfered with the applicant's right to respect for his family life within the meaning of Article 8 § 1 of the Convention.**
**3. Such interference will infringe the Convention if it does not meet the requirements of paragraph 2 of Article 8. It is therefore necessary to determine whether it was "in accordance with the law", motivated by one or more of the legitimate aims set out in that paragraph, and "necessary in a democratic society".**

(ara wkoll l-esposizzjoni komprensiva f'dan ir-rigward f'pagni 379-380 – para. IIB-244 – fil-ktieb ta' Karen Reid ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** 2nd Ed, 2004, Sweet & Maxwell (London)).

**8.** Mill-provi jirrizulta li l-appellant mar ir-Registru Pubbliku biex jirregistra z-zwieg tieghu skond l-Artikolu 244(1) tal-Kap. 16[5]. L-addett fir-Registru Pubbliku[6] infurmah li huwa

[5] Dana l-Artikolu jipprovdi, fil-parti tieghu li hija relevanti ghal din il-kawza, li **"Kull att ta'…zwieg…ta' <u>cittadin ta' Malta</u> maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz…jista', fuq talba ta' min ikollu interess u wara**

kellu jawtentika d-dokument – certifikat taz-zwieg – li kien qed jitlob li jigi registrat, kif ukoll jippresenta “ittra tac-cittadinanza” ossia ittra mill-Ufficcju tac-Cittadinanza li huwa kien ghadu cittadin Malti. L-appellant, stuzzikat mill-avukat tieghu (ara l-affidavit tal-appellant a fol. 17, u specjalment il-paragrafi 4 sa 8 tieghu) baqa’ jinsisti li l-passaport Malti tieghu u l-karta tal-identita` kienu prova bizzejjed li hu kien cittadin Malti.

**9.** Issa ma hemmx dubbju li d-Direttur appellat kellu kull dritt jitlob li d-dokument taz-zwieg tal-appellant ma’ martu jigi debitament awtentikat – dan jirrizulta car anke mill-Artikolu 244(1) aktar ‘l fuq imsemmi (u riprodott fin-*nota in calce* nru 5). Il-Qorti tosserva li jidher li sad-9 ta’ Novembru 2006 dan id-dokument awtentikat kien ghadu mhux fil-pussess tad-Direttur (ara l-ittra a fol. 29 tal-atti tal-appell – *nota in calce* nru 3, *supra*). Pero` dak li pprecipita kollox evidentiment kienet it-talba ghall-hekk imsejha “ittra tac-cittadinanza”. Din il-Qorti tara li t-talba ghal tali ittra b’ebda mod ma jista’ jinghad li kienet mhux skond il-ligi. Hu evidenti li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu wkoll jassigura ruhu, ghall-finijiet tal-Artikolu 244(1) tal-Kap. 16, li ghall-anqas wahda mill-partijiet fiz-zwieg celebrat barra minn Malta hija cittadin ta’ Malta <u>fil-mument li tigi effetwata dik ir-registrazzjoni</u> f’Malta. Ghalkemm il-passaport u l-karta ta’ l-identita` huma prova *prima facie* ta’ tali cittadinanza, dawn ma jammontawx ghal prova konkluziva, aktar u aktar meta c-cittadinanza tkun giet akwistata b’registrazzjoni (bhalma kienet tal-appellant) jew b’naturalizzazzjoni u allura tkun suggetta li tista’ tigi, f’certi cirkostanzi, revokata skond il-ligi – ara l-Artikolu 14 tal-Kap. 188. Fil-fehma tal-Qorti hija totalment irrelevanti c-cirkolari – li kopja taghha ma giet qatt ezibita! – li ghaliha jirreferi fid-deposizzjoni tieghu l-Ministru tal-Gustizzja, cirkolari li jidher li harget fuq insistenza tieghu biex flok ma d-dipartimenti tal-Gvern joqghodu jinsistu ghall-“ittra tac-cittadinanza” huma kellhom jitolbu il-passaport ta’ dak li jkun: ir-reponsabbilta` li jaccerta ruhu mir-rekwiziti kollha ghall-finijiet tal-Artikolu 244(1) imsemmi <u>ma hijiex tal-</u>

---

**li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta’ dak l-att, jigi registrat…”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

[6] Ara l-affidavit ta’ Richard Anthony Scotto, fol. 47.

Ministru izda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u huwa d-Direttur u mhux il-Ministru li jrid ikun sodisfatt li kollox sar skond il-ligi ghall-finijiet tal-anagrafe. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz – cittadinanza b'registrazzjoni akkwistata fl-1993 – u allura mhux f'xi zmien vicin it-talba ghar-registrazzjoni taz-zwieg tieghu ma' Alexandrovna – it-talba ghal tali ittra kienet konformi mal-ligi, kellha ghan legittimu ghall-finijiet tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u ma kien hemm ebda sproporzjon bejn l-ghan u l-mezz adoperat b'mod ghalhekk li ma jistax jinghad li t-talba ghal dik l-ittra kienet tikkozza ma' dak li hu mistenni f'socjeta` demokratika.

**10.** Dak li seta' sar u li f'dan il-kaz ma sarx – izda li ma jaffettwax proprjament il-punt legali in dizamina, cioe` jekk kienx hemm vjolazzjoni o meno tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni bit-talba originali ghall-"ittra tac-cittadinanza", ghax huwa fatt li jirrizulta minn deposizzjoni moghtija hafna wara l-prezentata tar-rikors promotorju ta' din il-kawza – hu li in segwitu ghad-deposizzjoni ta' Stephen Falzon, ufficjal fid-Dipartiment tac-Cittadinanza, tat-2 ta' Mejju 2006[7] fis-sens li safejn kien jaf hu sa dak iz-zmien Dadouch kien ghadu cittadin Malti, l-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellux ghalfejn joqghod jistenna sa ma tinqata' l-kawza fl-ewwel istanza biex jibghat ghall-istess Dadouch u jghidlu biex igib mieghu ic-certifikat taz-zwieg fl-original jew kopja awtentikata tieghu (kif effettivament ghamel bl-ittra tad-9 ta' Novembru 2006 aktar 'l fuq imsemmija). Hija din l-unika raguni – il-letargija interdipartimentali li frankament tirrazenta l-mal-amministrazzjoni da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku – li a bazi taghha din il-Qorti sejra timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## Decide

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell interpost minn Mazen Dadouch u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghall-kap ta' l-ispejjez, fir-rigward ta' liema kap tordna li l-

[7] Ir-rikors promotorju gie pprezentat fl-20 ta' Gunju 2005.

ispejjez kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat Registratur

gr

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------